2025/219

4.2.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/219

tat-30 ta' Jannar 2025

dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipprevedi li l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd irid isir f'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew tip ta' sajd.

(2) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

(3) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (*Anguilla anguilla*) kif previst mir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16 dwar pjan ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM (GFCM GSAs) 1 sa 27). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 iżżomm, għall-2025, il-perjodu ta' għeluq ta' sitt xhur għas-sajd kummerċjali u l-projbizzjoni fuq is-sajd rikreattiv. Barra minn hekk, dik ir-Rakkomandazzjoni tillimita l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għall-frieħ tas-sallura għal perjodu ta' xahrejn u tippermetti tali sajd taħt ċerti kundizzjonijiet biss. Jenħtieġ li dawk il-miżuri japplikaw għall-ibħra kollha tal-Baħar Mediterran u għall-ilma ħelu, kif ukoll għall-ilmijiet salmastri, inkluż l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, f'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(4) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 li tistabbilixxi miżuri fit-tul għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) kif previst mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran (il-GFCM GSAs 1 sa 27). Ir-rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 iżżomm għall-2025 l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress bħala għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u limiti ta' qbid għall-qroll aħmar. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(5) Fis-46 laqgħa annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran (il-GFCM GSAs 1 sa 27). Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet, b'mod konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju u għall-perjodu tranżitorju mill-2024 sal-2026, limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta, iffriżar tal-kapaċità tal-irkaptu biex jingħema' l-ħut (FADs, fish aggregating devices) għal kull bastiment u limitu ta' qbid. Għas-sajd rikreattiv, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi wkoll li jrid jiġi osservat limitu tal-qabda ta' kuljum. Dawk il-miżuri ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni għall-2024 permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 ([2]) u jenħtieġ li dawk il-miżuri jkomplu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni għall-2025. Dawk il-miżuri huma mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' ġestjoni li ser jiġu proposti mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv fil-GFCM għall-pjan ta' ġestjoni fit-tul għall-perjodu 2027 sal-2031.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

(6) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fil-Punent tal-Baħar Mediterran (GFCM GSAs 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11). Dak il-pjan jistabbilixxi miri u miżuri għall-konservazzjoni fit-tul u għall-isfruttar sostenibbli tal-istokkijiet koperti minnu. Dan jinkludi miżuri biex jintlaħaq u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY, maximum sustainable yield) għall-istokkijiet fil-mira, biex jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maħsuda u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

(7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament iridu jiġu stabbiliti sabiex tinkiseb il-mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020, fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025.

(8) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022 jiġu ffissati f'konformità mal-firxa ta' valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw f'MSY (meded ta' F_{MSY}), jew f'livell aktar baxx, u f'konformità mas-salvagwardji previsti f'dak ir-Regolament. Il-meded tal-F_{MSY} huma stipulati fil-parir rilevanti tal-STECF. Meta ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika xierqa, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jiġu ffissati f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 4(6) ta' dak ir-Regolament.

(9) Barra minn hekk, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu espressi bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, stabbiliti f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022, u bħala l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, stabbiliti f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(10) L-STECF ta parir li, sabiex jintlaħqu l-miri tal-MSY fl-2025 għall-istokkijiet tal-ħut kollha fil-punent tal-Mediterran, huwa meħtieġ tnaqqis sinifikanti ulterjuri fil-mortalità mis-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir. Barra minn hekk, l-STECF indika differenzi fl-istatus tal-istokk l-aktar vulnerabbli f'kull grupp ta' stokkijiet u qies li l-mortalità mis-sajd jeħtieġ li titnaqqas b'mod differenti bejn l-unitajiet ta' ġestjoni tal-isforz (EMU), jiġifieri EMU 1 (GFCM GSAs 1, 2, 5, 6, u 7,) u EMU 2 (GFCM GSAs 8, 9, 10, u 11). L-STECF ta parir li għall-istokk l-aktar vulnerabbli (il-merluzz (*Merluccius merluccius*) fl-EMU 1 u l-merluzz fl-EMU 2), it-tnaqqis fil-mortalità mis-sajd jenħtieġ li jammonta għal 66 % fl-EMU 1 u 38 % fl-EMU 2 sabiex jintlaħaq l-F_{MSY} fl-2025. Abbażi ta' tali parir, għall-2025, jenħtieġ għalhekk li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-bastimenti tat-tkarkir għal kull grupp ta' sforz tas-sajd jitnaqqas b'66 % fl-EMU 1 u bi 38 % fl-EMU 2 filwaqt li jitqiesu l-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru għall-mortalità mis-sajd u jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(11) Fl-2024, l-STECF ta parir li l-bastimenti tas-sajd bil-konz għandhom impatt fuq il-merluzz riproduttiv, b'mod partikolari fil-GFCM GSAs 8-9-10 u 11. L-STECF ta parir ukoll li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-merluzz fil-GFCM GSAs 1, 5, 6 u 7 u fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 għadu taħt il-punt ta' referenza tal-limitu ta' konservazzjoni (B_{LIM}) skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2019/1022 u li jenħtieġ li l-mortalità mis-sajd titnaqqas b'66 % fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 u bi 38 % fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 sabiex jintlaħaq l-F_{MSY} fl-2025. Fil-GFCM GSAs 1,2, 5, 6 u7, huwa għalhekk xieraq li, għall-2025, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz jinżamm fil-livelli stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259, abbażi tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/1022. Fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 huwa xieraq li, għall-2025, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz jitnaqqas bi 13 % meta mqabbel mal-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259, abbażi tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2019/1022.

(12) Fl-2024, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 għadha 'l bogħod minn livelli sostenibbli u li għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni, minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd. B'mod partikolari, l-STECF ta parir li, sabiex jintlaħaq l-F_{MSY} fl-2025, jenħtieġ li l-qabdiet jitnaqqsu b'medja ta' 50 %, u speċifikament b'25 % fil-GFCM GSAs 1 u 2, b'64 % fil-GFCM GSA 5 u b'62 % fil-GFCM GSAs 6 u 7. B'kontinwazzjoni tal-miżuri adottati fl-2022, fl-2023 u fl-2024 u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa għalhekk xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj).

Jenħtieġ li l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 jitnaqqsu b'10 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(13) Fl-2024, l-STECF ta parir li huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni għall-gamblu blu u aħmar fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd u rrakkomanda li l-qabda totali titnaqqas bi 18 %. Għalhekk huwa xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid, b'kontinwazzjoni tal-miżuri adottati fl-2022, fl-2023 u fl-2024 u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ li l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 jitnaqqsu b'6 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(14) Fl-2024, l-STECF ta parir li huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni għall-gamblu aħmar kbir fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 minbarra t-tnaqqis tal-isforz tas-sajd u rrakkomanda li l-qabda totali titnaqqas b'29 %. Għalhekk huwa xieraq li r-reġim tal-isforz tas-sajd jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid, b'kontinwazzjoni tal-miżuri adottati fl-2022, fl-2023 u fl-2024 u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Jenħtieġ li l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 jitnaqqsu b'6 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(15) Sabiex jiġi promoss l-użu tas-selettivita' tal-irkaptu tas-sajd u jiġu stabbiliti żoni ta' protezzjoni effiċjenti għall-protezzjoni tal-friegħ tal-ħut u tal-ħut riproduttiv, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 ([4]) stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens b'rabta mar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir. Hekk kif l-STECF ikompli jirrakkomanda għall-2025 it-titjib ulterjuri tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u tal-effiċjenza taż-żoni magħluqa biex jiġu protetti l-ħut li għadu qed jikber u l-ħut riproduttiv, u peress li dawk il-miżuri għandhom impatt muri fuq l-isforz tas-sajd, jenħtieġ li l-Istati Membru jkun jista' jalloka jiem tas-sajd addizzjonali lil bastiment jekk il-bastiment jikkonforma ma' tal-anqas waħda minn dawn il-miżuri stabbilita fuq il-livell nazzjonali. L-Istat Membru kkonċernat ma għandux jalloka jiem tas-sajd addizzjonali li jirriżultaw fil-qbiż tal-livell tal-isforz tas-sajd stabbilit għall-grupp tal-isforz tas-sajd rilevanti mir-Regolament (UE) 2024/259.

(16) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1022, meta l-parir xjentifiku juri li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament tkun anqas mill-punt ta' referenza prekawzjonarju tal-bijomassa (B_{PA}), jew tkun anqas mill-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa (B_{LIM}), għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju sabiex jiżguraw ir-ritorn rapidu tal-istokkijiet għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY.

(17) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (il-GFCM GSAs 17 u 18), li mill-2022 sal-2029 introduċiet livell massimu ta' qabdiet u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta relatat għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li għandhom fil-mira speċijiet pelaġiċi żgħar. Jenħtieġ li dawk il-miżuri li huma relatati mal-2025 jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(18) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/4 dwar reġim tas-sajd fit-tul u l-istabbiliment ta' limiti ta' qbid għall-2025 għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (il-GFCM GSAs 17 u 18), li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/4 stabbiliet għall-2025 il-livell separat ta' qabdiet għall-inċova u s-sardin, li jirriżulta mill-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-kontroll tal-ħsad. Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri hija bbażata fuq il-qabdiet storiċi ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(19) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli għall-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (il-GFCM GSAs 17 u 18), li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet demersali. Jenħtieġ li dawk il-miżuri li huma relatati mal-2025 jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(20) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/5 dwar l-implimentazzjoni ta' reġim tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet demersali ewlenin fil-Baħar Adrijatiku (il-GFCM GSAs 17 u 18) fl-2025, li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5. Ir-rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/5 tipprevedi tnaqqis globali b'5,2 % tar-reġim tal-isforz tas-sajd għall-bastiment bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u tiġdid tal-livelli tal-isforz tal-2024 għall-bastimenti tat-tkarkir bit-travu. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqas 5,2 % mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/110/oj).

għall-bastiment bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti stabbilit għall-2024 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 u l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir bit-travu jenħtieġ li jinżamm fil-livelli tal-2024.

(21) Filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi żgħar u fuq l-istokkijiet demersali, u f'konformità mal-paragrafu 33 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 u l-paragrafu 13 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5, jixraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal allokazzjoni minima tal-isforz għall-istokkijiet demersali.

(22) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija (GFCM GSAs 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 introduċiet reġim ta' sforz għall-merluzz u limiti ta' qbid għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), kif ukoll iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2025, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 tipprevedi l-iffriżar tal-isforz tas-sajd fil-livell tal-2024 u tnaqqis ta' 3 % tal-limiti ta' qbid għall-gamblu abjad. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu abjad stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(23) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu aħmar fil-Kanal ta' Sqallija (GFCM GSAs 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 introduċiet limitu ta' qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2025, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(24) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju (GFCM GSAs 19 sa 21), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 introduċiet limitu ta' qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2025, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(25) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Levantin (GFCM GSAs 24 sa 27), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/6 u GFCM/42/2018/3. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 introduċiet limitu ta' qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Għall-2025, dik ir-Rakkomandazzjoni tipprevedi tnaqqis ta' 3 % fil-limiti ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar. Għalhekk, sabiex dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 3 % fil-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar stabbiliti għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(26) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran (GFCM GSAs 1 sa 3), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(27) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/3 dwar l-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju addizzjonali għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (GFCM GSAs 1 sa 3), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3. Ir-rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/3 introduċiet tnaqqis ta' 30 % tal-limiti tal-qbid għall-2025. Għalhekk, sabiex jiġu implimentati dawk il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li t-30 % jitnaqqsu mil-livell massimu ta' qabdiet stabbilit għall-2024 bir-Regolament (UE) 2024/259.

(28) Abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM għall-Baħar l-Iswed, jenħtieġ li l-livell attwali tal-mortalità mis-sajd tal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) jinżamm biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed (GFCM GSA 29). Għalhekk jixraq li tkompli tiġi stabbilita kwota awtonoma għal dan l-istokk.

(29) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed (GFCM GSA 29). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 introduċiet qabda totali permissibbli (TAC, total allowable catch) reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari perjodu ta' xahrejn magħluq għas-sajd u limitazzjoni tal-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri huma marbuta mil-lat funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr dawk il-miżuri fis-seħħ il-livell tat-TAC għall-barbun imperjali jkollu jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (GFCM GSA 29), li temenda r-Rakkomandazzjonijiet GFCM/43/2019/3 u GFCM/41/2017/4. Ir-rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 stabbiliet it-TAC għall-barbun imperjali għall-perjodu mill-2025 sal-2028. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(31) Fis-47 laqgħa annwali tagħha fl-2024, il-GFCM approvat riport tal-kwota mhux użata tal-Unjoni għall-barbun imperjali fl-2023, fid-dawl tas-sitwazzjoni eċċezzjonali li nħolqot mill-kuntest reġjonali fil-Baħar l-Iswed. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw mis-sottoutilizzazzjoni titwettaq abbażi tal-kontribut rispettiv ta' kull Stat Membru lejn is-sottoutilizzazzjoni, mingħajr ma jinbidel il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/259 dwar l-allokazzjoni annwali tat-TACs.

(32) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([5]), u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforzi tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-*data* dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament lill-Kummissjoni.

(33) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([6]) jipprevedi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti, inkluż skont l-Artikoli 3 u 4 tagħha, u dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għall-TACs prekawzjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema stokkijiet ma jkunux soġġetti għall-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi flessibbiltà ulterjuri minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li timmina l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS u tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jkun espliċitu li l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma japplikawx b'mod kumulattiv. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li, fejn rilevanti, il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tiġi eskluża abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet.

(34) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2025. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed u li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

(a) is-sallura (*Anguilla anguilla*), il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran;

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj).

(b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku;

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku;

(e) il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Kanal ta' Sqallija;

(f) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Kanal ta' Sqallija, fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin;

(g) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran;

(h) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet tas-sajd oħrajn tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, meta tali attivitajiet tas-sajd jissemmew b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser l-ilmijiet li ma huma fis-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser l-attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art kif imsemmi fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità tal-ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul il-perjodu ta' sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu ta' qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;

(f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq id-data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li r-rieżami xjentifiku indika li hija ta' kwalità suffiċjenti biex tipprovdi parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(h) "irkaptu biex jinġema' l-ħut" (FAD) tfisser kwalunkwe tagħmir li jżomm f'wiċċ il-baħar bl-objettiv li jattira l-ħut.

Artikolu 3

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "subżoni ġeografiċi tal-GFCM" (GFCM GSAs) tfisser iż-żoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(b) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 1 sa 27, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

([7]) Ir-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) (ĠU L, 2023/2124, 12.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2124/oj).

(c) "il-Punent tal-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(d) "il-Baħar Adrijatiku" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 17 u 18, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(e) "il-Kanal ta' Sqallija" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 12, 13, 14, 15 u 16, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(f) "il-Baħar Jonju" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 19, 20 u 21, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(g) "il-Baħar Levantin" tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 24, 25, 26 u 27, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(h) "il-Baħar Alboran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 1, 2 u 3, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;

(i) "il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet fis-subżona ġeografika tal-GFCM 29, kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Il-Baħar Mediterran

Artikolu 4

Sallura

1. Dan l-Artikolu japplika għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 1 sa 27, għall-ilmijiet salmastri u għall-ilma ħelu. L-ilmijiet salmastri jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni.

2. Għandu jkun ipprojbit it-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura (*Anguilla anguilla*) ta' tul totali ta' aktar minn 12-il cm, jew bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja, għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur fl-2025. Għal dak l-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina perjodu wieħed jew aktar ta' għeluq soġġett għal dan li ġej:

(a) fejn xieraq, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jistgħu jvarjaw fi Stat Membru wieħed minn żona tas-sajd għal oħra sabiex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;

(b) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom idumu mill-inqas 6 xhur konsekuttivi, jew total ta' 6 xhur f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3; u

(c) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 ([8]), mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fis-seħħ u max-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-perjodu ta' għeluq għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2025, u perjodu addizzjonali ta' għeluq ta' tliet xhur għandu jiġi stabbilit minn kull Stat Membru kkonċernat biex iseħħ bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Novembru 2025.

4. L-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm għandhom jiġu awtorizzati kull sena għal perjodu ta' xahrejn, u dawk l-attivitajiet tas-sajd għandhom jiġu mmonitorjati minn istituzzjoni xjentifika dežinjata li ser tissorvelja l-ġbir u l-analiżi tad-data.

5. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-għadd massimu ta' rkapti passivi awtorizzati biex jimmiraw għas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm għal skopijiet kummerċjali ma għandhomx jaqbżu l-livelli stipulati fl-Anness I.

6. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun ipprojbit.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1100/oj).

7. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar:

(a) il-perjodu ta' għeluq jew il-perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 sa 3 sal-1 ta' Marzu 2025;

(b) il-miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu ta' għeluq jew perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 u 3, fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom; u

(c) il-perjodu awtorizzat għas-sajd tas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm f'konformità mal-paragrafu 4 sal-1 ta' Marzu 2025.

Artikolu 5

Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) fil-Baħar Mediterran.

2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll l-attivitajiet tal-ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 6

Lampuka

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali kollha għall-ispeċijiet pelaġiċi mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għal-lampuka (*Coryphaena hippurus*) billi jużaw FADs fil-Baħar Mediterran. Japplika wkoll għas-sajd rikreattiv tal-lampuka fil-Baħar Mediterran.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u tunnellaġġ gross (GT, gross tonnage), ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għal-lampuka hija stabbilita fl-Anness III.

3. L-għadd massimu ta' FADs għal kull bastiment awtorizzat jistad għal-lampuka huwa stabbilit fl-Anness III.

4. Il-livell massimu ta' qabdiet tal-lampuka ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness III.

5. Għas-sajd rikreattiv, l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal 10 kg jew għal ħames ħutiet ta' kwalunkwe daqs għal kull persuna kuljum.

KAPITOLU II

Il-Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 7

Stokkijiet demersali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-istokkijiet demersali msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022 fil-Punent tal-Baħar Mediterran.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u mal-Artikoli 26 sa 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3. Il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu tal-fond fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni huma stabbiliti fl-Anness IV.

4. Il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu tal-fond fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja huma stabbiliti fl-Anness IV.

5. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stipulat fl-Anness IV, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 8

Mekkaniżmu ta' kumpens

1. Għat-taqsima tal-flotta kkonċernata u għal-lista tal-bastimenti eliġibbli kkonċernati, fl-2025 Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd kif prevista f'dan il-paragrafu u kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 4 u 5 , dment li l-bastiment li jirċievi l-allokazzjoni addizzjonali jissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fil-livell nazzjonali:

(a) jekk il-bastiment ineħħi l-irkaptu tax-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin (OTT), Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'24 %; jekk il-bastiment ikun qed jimplimenta dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2025, l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied b'35 %; jekk in-numru totali tal-bastimenti jirrappreżenta aktar minn 40 % tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat, l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'40 %;

(b) jekk il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'malja kwadra ta' 45 mm fil-manka, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'9,3 %; jekk il-bastiment ikun qed jimplimenta dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2025, l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied bi 18,6 %; jekk in-numru totali tal-bastimenti jirrappreżenta aktar minn 40 % tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat, l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'25 %; jekk il-miżura tapplika għall-bastimenti kollha tal-Istat Membru kkonċernat, l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 30 %;

(c) jekk il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'malja kwadra ta' 50 mm fil-manka, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'15,4 %; jekk il-bastiment ikun qed jimplimenta dik il-miżura qabel l-1 ta' Mejju 2025, l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd tista' tiżdied bi 30,8 %; jekk in-numru totali tal-bastimenti jirrappreżenta aktar minn 40 % tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat, l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'40 %; jekk il-miżura tapplika għall-bastimenti kollha tal-Istat Membru kkonċernat, l-Istat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'50 %;

(d) jekk il-bastiment ikun soġġett għal perjodu magħluq li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir bejn fond ta' 100 m u 500 m għal mill-inqas sitt ġimgħat kontinwi bejn Mejju u Settembru, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'10 %;

(e) jekk il-bastiment ikun soġġett għal perjodu magħluq li jipprojbixxi l-attività tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11 għal mill-inqas erba' ġimgħat kontinwi bejn Mejju u Ottubru, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15 %;

(f) jekk il-bastiment ikun soġġett għal perjodu magħluq li jipprojbixxi l-attività tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 għal mill-inqas erba' ġimgħat kontinwi bejn Mejju u Ottubru, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 15 %;

(g) jekk il-bastiment ikun soġġett għal żona nazzjonali magħluqa għas-sajd li tkopri mill-inqas 5 % taż-żoni tas-sajd tiegħu bejn fond ta' 100 m u 500 m, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b'4 %;

(h) jekk il-bastiment ikun soġġett għal żona magħluqa temporanja li tippermetti t-tnaqqis ta' mill-inqas 20 % tal-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-merluzz, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd b' 13 %;

(i) jekk il-bastiment ikun soġġett għal żona magħluqa temporanja li tippermetti t-tnaqqis ta' mill-inqas 25 % tal-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber tal-ispeċijiet demersali kollha jew b'mill-inqas 20 % qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet demersali kollha, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(j) jekk il-bastiment ikun soġġett għal għeluq permanenti għall-attività tas-sajd b'bastimenti tat-tkarkir f'fond ta' inqas minn 800 m, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(k) jekk il-bastiment juża xibka tat-tkarkir b'bibien sospiżi fuq wiċċ l-ilma, sospiżi fl-ilma, diriġenti b'kuntatt baxx jew bibien oħra li jnaqqsu l-kuntatt tal-bibien u l-irkaptu ma' qiegħ il-baħar, biex jippreservaw il-ħabitats essenzjali tal-ħut tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %;

(l) jekk il-bastiment juża rkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont studju mill-STECF, fi tnaqqis ta' mill-inqas 25 % fil-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ kollha jew tnaqqis ta' mill-inqas 20 % ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020, bħal għarbiel bi spazji ta' 20 mm, Stat Membru jista' jżid l-allokazzjoni tal-jiem tas-sajd bi 3 %.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, meta jinnotifika allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd, il-lista tal-bastimenti tas-sajd li jissoddisfaw kull wieħed mill-kundizzjonijiet magħżula għall-kumpens, kif ukoll l-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, in-notifika tiegħu ta' allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd u jittrażmetti lill-Kummissjoni, mill-aktar fis possibbli, l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna t-twettiq tal-kundizzjonijiet.

4. L-allokazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd għandha tiġi kkalkulata mill-isforz massimu permess skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 proporzjonalment għall-għadd rilevanti ta' bastimenti eliġibbli kkonċernati mill-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1.

5. L-Istat Membru kkonċernat ma għandux jalloka jiem tas-sajd addizzjonali li jirriżultaw fil-qbiż tal-livell tal-isforz tas-sajd stabbilit għall-grupp tal-isforz tas-sajd rilevanti fir-Regolament (UE) 2024/259.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll b'mod separat, kull xahar, lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' mill-kwota addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 billi juża kodiċijiet tar-rapportar speċifiċi għal dik l-allokazzjoni.

Artikolu 9

Miżuri ta' rimedju għall-merluzz fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7, għall-gamblu blu u aħmar fil-GFCM GSAs 5, 6 u 7, għall-gamblu aħmar kbir fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11, u għall-iskampu fil-GFCM GSA 6

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GFCM GSAs 1, 2, 5, 6 u 7, l-iskampu (*Nephrops norvegicus)* fil-GFCM GSA 6, il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-GFCM GSAs 5, 6 u 7, u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-GFCM GSAs 8, 9, 10 u 11.

2. Il-limitu massimu tal-qbid tal-merluzz għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GTR, GND) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran huwa stipulat fl-Anness IV.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gamblu blu u aħmar u għall-gamblu aħmar kbir ta' mill-inqas 25 mm CL.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-iskampu ta' mill-inqas 25 mm CL.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, diment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

Artikolu 10

Miżuri ta' rimedju għall-merluzz fil-GFCM GSAs 8, 9, 10, u 11

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GFCM GSAs 8, 9, 10, u 11.

2. Il-limitu massimu tal-qbid tal-merluzz għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GTR, GND) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran huwa stipulat fl-Anness IV.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, diment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

([9]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj).

Artikolu 11

Reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jittrażmettu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u mal-Artikoli 146c, 146d u 146e tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([10]).

2. Meta l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni data relatata mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness IV f'dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

Il-Baħar Adrijatiku

Artikolu 12

Stokkijiet pelaġiċi żgħar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu s-sardina (*Sardina pilchardus*) u l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ta' sardin u inċova ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.

3. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'numri ta' bastimenti, kW u GT ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar hija stabbilita fl-Anness V.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 13

Stokkijiet demersali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għal dawk l-istokkijiet demersali u l-kapaċità massima tal-flotta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huwa stabbilit fl-Anness V.

3. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 14

Trażmissjoni tad-*data*

Meta, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data relatata mal-ħatt l-art u mal-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet u l-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

Il-Kanal ta' Sqallija

Artikolu 15

Merluzz u gamblu abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Kanal ta' Sqallija.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/404/oj).

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VI.

3. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-merluzz (espress f'għadd ta' jiem tas-sajd), għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) li jistadu għall-merluzz huwa stipulat fl-Anness VI.

4. Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu abjad ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

5. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 16

Gamblu tal-fond

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Kanal ta' Sqallija.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbiliat fl-Anness VI.

3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

Artikolu 17

Trażmissjoni tad-*data*

Meta, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda lill-Kummissjoni, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

Il-Baħar Jonju u l-Baħar Levantin

Artikolu 18

Gamblu tal-fond

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin.

2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VII.

3. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VII.

KAPITOLU VI

Il-Baħar Alboran

Artikolu 19

Paġella ħamra

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd kummerċjali u rikreattiv mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) bil-konzijiet u bix-xlief fil-Baħar Alboran.

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VIII.

3. L-għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati għas-sajd tal-paġella ħamra huwa stabbilit fl-Anness VIII.

4. Għandu jiġi stabbilit għeluq temporali bl-għan li jiġi protett l-istokk ewlieni matul ir-riproduzzjoni għal perjodi ta' mhux inqas minn 60 jum kontinwu. Tali għeluq għandu jdum għal mill-anqas xahrejn u għandu jsir waqt il-perjodu minn Jannar sa Marzu 2025 u għandu jkopri ż-żoni ewlenin tad-distribuzzjoni tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran.

5. Għall-attivitajiet tas-sajd rikreattiv, l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal ħuta waħda għal kull persuna kuljum. Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-paġella ħamra għandu japplika għas-sajd rikreattiv fil-Baħar Alboran. Is-sajd rikreattiv għal dik l-ispeċi għandu jkun ipprojbit matul il-perjodu magħluq għas-sajd kummerċjali stabbilit fil-livell nazzjonali.

KAPITOLU VII

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 20

Laċċa kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla hija stabbilita fl-Anness IX.

3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 21

Barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, l-allokazzjoni ta' din it-TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta mil-lat funzjonali magħha, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness IX.

3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 22

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 21, irrispettivament mit-tul kumplessiv tal-bastiment, ma għandhomx jaqbżu l-180 jum tas-sajd fis-sena.

Artikolu 23

Perjodu ta' għeluq għall-barbun imperjali

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kwalunkwe attività tas-sajd għall-barbun imperjali, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 25

Trażmissjoni tad-*data*

Meta, f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni data dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet ta' stokkijiet tal-laċċa kaħla u tal-barbun imperjali maqbuda fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

ANNESS I

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD KUMMERĊJALI TAL-UNJONI GĦALL-FRIEĦ TAS-SALLURA FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-MEDITERRAN (GFCM) GĦAS-SALLURA FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistipulaw l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-għadd massimu għall-irkapti tas-sajd awtorizzati għal attivitajiet tas-sajd kummerċjali li għandhom fil-mira s-sallura (*Anguilla anguilla*) ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm.

Tabella 1

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd

Stati Membri	Sallura ELE
Spanja	153

Tabella 2

Għadd massimu ta' rkapti tas-sajd

Stati Membri	Rkaptu tas-sajd	Kodiċi tal-irkaptu	Unitajiet
Spanja	Kontenituri u nases	EPO	249

ANNESS II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-MEDITERRAN (GFCM) GĦALL-QROLL AĦMAR FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Corallium rubrum	COL	Qroll aħmar

Tabella 1

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd (*)

Stati Membri	Qroll aħmar COL
Grečja	12
Spanja	0 (**)
Franza	32
Kroazja	0 (**)
Italja	40

(*) Jirrappreżenta l-għadd ta' bastimenti jew bugħaddasa, jew it-tnejn li huma, jew l-abbinament ta' bugħaddas wieħed ma' bastiment wieħed, awtorizzati għall-ħsad tal-qroll aħmar.

(**) F'konformità mal-projbizzjoni temporali attwali għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilita fl-ilmijiet Spanjoli u fl-ilmijiet Kroati, sakemm ikun hemm bidliet possibbli fil-futur.

Tabella 2

Livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Qroll aħmar *Corallium rubrum*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran – GSAs 1-27 COL/GF1-27
Grečja	1 844		
Spanja	0 (**)		
Franza	1 400		
Kroazja	0 (**)		
Italja	1 378		
Unjoni	4 622		
TAC	Mhux rilevanti		

(**) F'konformità mal-projbizzjoni temporali attwali għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilita fl-ilmijiet Spanjoli u fl-ilmijiet Kroati, sakemm ikun hemm bidliet possibbli fil-futur.

ANNESS III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-LAMPUKI FIL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu, il-kW u t-tunnellaġġ gross (GT, gross tonnage) tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-lampuki bl-użu ta' rkapti biex jinġema' l-ħut (FADs, fish aggregation devices) fil-Baħar Mediterran u l-livell massimu ta' qabdiet.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Coryphaena hippurus	DOL	Lampuka

Tabella 1

Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti li jistadu għal-lampuki bl-użu ta' FADs fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27)

Stat Membru	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Italja	261	21 061	1 986
Malta	130	16 662	1 296,28
Spanja	45	2 105,73	153,34

Tabella 2

L-għadd massimu ta' FADs għal kull bastiment awtorizzat biex jistad għal-lampuki fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27)

Stat Membru	Għadd ta' FADs għal kull bastiment
Italja	100
Malta	200
Spanja	50

Tabella 3

Il-livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj maqbuda fil-Baħar Mediterran (GSAs 1-27)

Speċi:	Lampuka *Coryphaena hippurus*	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tal-GSAs 1-27 tal-GFCM (DOL/MED)
Italja	1 174	Livell massimu ta' qabdiet	
Malta	517		
Spanja	127		
Unjoni	1 818		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS IV

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET DEMERSALI FIL-PUNENT TAL-BAĦAR MEDITERRAN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi tal-istokkijiet, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament (UE) 2019/1022, il-limiti massimi ta' qbid u t-tul kumplessiv tal-bastimenti għat-tipi kollha tax-xbieki tat-tkarkir ([1]) u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jistadu għall-istokkijiet demersali fil-punent tal-Baħar Mediterran.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu blu u aħmar
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Mullus barbatus	MUT	Trilja tal-ħama
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Parapenaeus longirostris	DPS	Gamblu abjad

1. Sforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd)

(a) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali
it-trilja tal-ħama fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fil-GSAs 1, 5, 6 u 7; il-gamblu abjad fil-GSAs 1, 5 u 6; l-iskampu fil-GSAs 5 u 6	< 12 m	317	0	0	EFF1/MED1_TR1	EFF1/MED1_TR1_AA
	≥ 12 m and < 18 m	3 400	0	0	EFF1/MED1_TR2	EFF1/MED1_TR2_AA
	≥ 18 m and < 24 m	6 379	2 023	0	EFF1/MED1_TR3	EFF1/MED1_TR3_AA
	≥ 24 m	2 247	2 462	0	EFF1/MED1_TR4	EFF1/MED1_TR4_AA

([1]) TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP u TSP.

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali
Il-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	0	0	0	EFF2/MED1_TR1	EFF2/MED1_TR1_AA
	≥ 12 m and < 18 m	160	0	0	EFF2/MED1_TR2	EFF2/MED1_TR2_AA
	≥ 18 m and < 24 m	1 615	0	0	EFF2/MED1_TR3	EFF2/MED1_TR3_AA
	≥ 24 m	1 297	0	0	EFF2/MED1_TR4	EFF2/MED1_TR4_AA

(b) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8, 9, 10 u 11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	Kodiċi tal-allokazzjoni addizzjonali
It-trilja tal-ħama fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11; il-gamblu abjad fil-GSAs 9, 10 u 11; l-iskampu fil-GSAs 9 u 10	< 12 m	0	138	1 202	EFF1/MED2_TR1	EFF1/MED2_TR1_AA
	≥ 12 m and < 18 m	0	551	18 064	EFF1/MED2_TR2	EFF1/MED2_TR2_AA
	≥ 18 m and < 24 m	0	138	12 148	EFF1/MED2_TR3	EFF1/MED2_TR3_AA
	≥ 24 m	0	138	1 622	EFF1/MED2_TR4	EFF1/MED2_TR4_AA
Il-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	83	199	EFF2/MED2_TR1	EFF2/MED2_TR1_AA
	≥ 12 m and < 18 m	0	333	1 465	EFF2/MED2_TR2	EFF2/MED2_TR2_AA
	≥ 18 m and < 24 m	0	83	1 180	EFF2/MED2_TR3	EFF2/MED2_TR3_AA
	≥ 24 m	0	83	158	EFF2/MED2_TR4	EFF2/MED2_TR4_AA

(c) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-merluzz fil-GSAs 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	9 433	6 432	0	EFF1/MED1_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	2 148	93	0	EFF1/MED1_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	74	0	0	EFF1/MED1_LL3
	≥ 24 m	29	0	0	EFF1/MED1_LL4

(d) Għadd ta' jiem tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardenja (GSAs 8, 9, 10 u 11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-merluzz fil-GSAs 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	1 436	28 873	EFF1/MED2_LL1
	≥ 12 m and < 18 m	0	44	4 131	EFF1/MED2_LL2
	≥ 18 m and < 24 m	0	0	23	EFF1/MED2_LL3
	≥ 24 m	0	0	0	EFF1/MED2_LL4

2. Limiti massimi ta' qbid għall-gambli tal-fond

(a) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7) espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu blu u aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 (ARA/GF1-7)
Spanja	708,3	Livell massimu ta' qabdiet	
Franza	45,9		
Italja	0		
Unjoni	754,2		
TAC	Mhux rilevanti		

(b) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (GSAs 8, 9, 10 u 11) espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu blu u aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 8, 9, 10 u 11 (ARA/GF8-11)
Spanja	0	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Franza	8,5	Livell massimu ta' qabdiet	
Italja	221,9		
Unjoni	230,4		
TAC	Not relevant		

Speċi:	Gamblu blu u aħmar *Aristeus antennatus*	Żona:	GSAs 8, 9, 10 u 11 (ARS/GF8-11)
Spanja	0	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Franza	4,7	Livell massimu ta' qabdiet	
Italja	323,4		
Unjoni	328,1		
TAC	Not relevant		

3. Limiti massimi ta' qbid għall-merluzz

(a) Opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud bl-irkaptu passiv (GNS, GND u GTR) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (GSAs 1, 2, 5, 6 u 7), espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj.

Speċi:	Merluzz *Merluccius merluccius*	Żona:	GSAs 1, 2, 5, 6 u 7 (HKE/GF1-7)
Spanja	49,1	Limitu analitiku ta' qbid	
Franza	122,2	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Italja	0		
Unjoni	171,3	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
TAC	Mhux rilevanti	Ma għandux japplika l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013.	
		Livell massimu ta' qabdiet	

(b) Opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) maqbud bl-irkaptu passiv (GNS, GND u GTR) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Liguria, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (GSAs 8, 9, 10 u 11), espressi bħala livell massimu ta' qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj.

Speċi:	Merluzz *Merluccius merluccius*	Żona:	GSAs 8, 9, 10, u 11 (HKE/GF8-11)
Spanja	0	Limitu analitiku ta' qbid	
Franza	0,2	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Italja	261,5		
Unjoni	261,7	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
TAC	Mhux rilevanti	Ma għandux japplika l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013.	
		Livell massimu ta' qabdiet	

ANNESS V

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ADRIJATIKU

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Mullus barbatus	MUT	Trilja tal-ħama
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Parapenaeus longirostris	DPS	Gamblu abjad
Sardina pilchardus	PIL	Sardina
Solea solea	SOL	Lingwata komuni

1. Stokkijiet pelaġiċi żgħar – GSAs 17 u 18

(a) Livell massimu ta' qabdiet espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Species	Speċijiet pelaġiċi żgħar (inċova u sardina)		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tal-GSAs 17 u 18 tal-GFCM
	Engraulis encrasicolus (ANE/GF1718)	*Sardina pilchardus* (PIL/GF1718)		
Italja	15 733,7	8 962,549	Livell massimu ta' qabdiet	
Kroazja	10 608,3	36 267,45		
Slovenja	111	189		
Unjoni	26 453	45 419		
TAC	Mhux rilevanti			

(b) Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir u tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu b'mod attiv għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	PS	249	77 145,52	18 537,72
Italja	PTM, OTM u PS	187	64 655	14 065

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Slovenja (*)	PS	4	433,7	38,5

(*) Id-dispożizzjoni skont il-paragrafu 28 ta' GFCM/44/2021/20 ma għandhiex tapplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jistadu b'mod attiv għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar, kif irreġistrat kemm fir-reġistru nazzjonali u f'dak tal-GFCM fl-2014. F'dak il-każ, il-kapaċità tal-flotta attiva tista' tiżdied b'mhux aktar minn 50 % tal-għadd ta' bastimenti u f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT, gross tonnage), tunnellaġġ reġistrat gross (GRT, gross registered tonnage) u kW.

2. Stokkijiet tal-ħut demersali – GSAs 17 u 18

(a) L-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' xbieki tat-tkarkir u s-segment tal-flotta għas-sajd tal-istokkijiet demersali fil-GSAs 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku).

					Jiem tas-sajd 2025		
Tip ta' rkaptu	Żona ġeografika	Stokkijiet ikkonċernati	Tul kumplessiv tal-bastimenti	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	Italja	Kroazja	Slovenja
Xbieki tat-tkarkir (OTB)	GSAs 17 u 18	Trilja tal-ħama, merluzz, gamblu abjad u skampu	< 12 m	EFF/MED3_OTB_TR1	2 880	9 557	(*)
			≥ 12 m and < 24 m	EFF/MED3_OTB_TR2	64 737	22 266	(*)
			≥ 24 m	EFF/MED3_OTB_TR3	5 672	1 999	(*)
Xbieki tat-tkarkir bit-trabu (TBB)	GSA 17	Lingwata komuni	< 12 m	EFF/MED3_TBB_TR1	194	0	0
			≥ 12 m and < 24 m	EFF/MED3_TBB_TR2	3 635	0	0
			≥ 24 m	EFF/MED3_TBB_TR3	3 614	0	0

(*) Is-Slovenja ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum tas-sajd fis-sena f'konformità mal-paragrafu 13 ta' GFCM/43/2019/5.

(b) Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ u tal-bastiment tat-tkarkir bit-travu awtorizzati għas-sajd tal-istokkijiet demersali

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	OTB	495	79 867,99	13 267,99
Italja	OTB u TBB	1 363	260 618,37	47 148
Slovenja (*)	OTB	11	1 813,00	168,67

(*) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9(c) u 28 ta' GFCM/43/2019/5 ma għandhomx japplikaw għall-flotot nazzjonali li joperaw bix-xbieki tat-tkarkir (OTB) u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 9 (c) tal-GFCM/43/2019/5. Il-kapaċità tas-sajd tal-flotta attiva li topera bix-xbieki tat-tkarkir (OTB) ma għandhiex tiżdied b'aktar minn 50 % fir-rigward tal-perjodu ta' referenza.

ANNESS VI

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-KANAL TA' SQALLIJA

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, inkluż l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-ispeċijiet demersali u għall-gambli tal-fond.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Parapenaeus longirostris	DPS	Gamblu abjad
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu blu u aħmar

1. Stokkijiet demersali

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	1	265	105
Spanja	OTB	1	100	118
Italja	OTB	594	144 175	36 856
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu tal-isforz tas-sajd (f'jiem tas-sajd), għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) li jistadu għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Tul tal-Bastiment	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	Jiem tas-sajd 2025
Ċipru	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	51
L-Italja	OTB	T-07	EFF4/MED4_OTB1	90
L-Italja	OTB	T-10	EFF4/MED4_OTB2	188
L-Italja	OTB	T-11	EFF4/MED4_OTB3	19 366
L-Italja	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	3 657
Malta	OTB	T-11	EFF4/MED4_OTB3	338
Malta	OTB	T-12	EFF4/MED4_OTB4	165

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu abjad *Parapenaeus longirostris*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 (DPS/GF12-16)
Ċipru	1	Analytical catch limit	
Italja	2 020		
Malta	5		
Unjoni	2 026		
TAC	Not relevant		

2. Gambli tal-fond

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13 14, 15 u 16)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	1	265	105
Spanja	OTB	2	440,56	218,78
Italja	OTB	239	76 232	22 672
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 (ARS/GF12-16)
Spanja	0,9	Limitu analitiku ta' qbid	
Italja	818,4		
Ċipru	0		
Malta	34,7		
Unjoni	854		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Kanal ta' Sqallija (GSAs 12, 13, 14, 15 u 16) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 12, 13, 14, 15 u 16 (ARS/GF12-16)
Spanja	0,9	Limitu analitiku ta' qbid	
Italja	94,8		
Ċipru	0		
Malta	1,8		
Unjoni	98		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS VII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR JONJU U FIL-BAĦAR LEVANTIN

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet demersali fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Aristaeomorpha foliacea	ARS	Gamblu aħmar kbir
Aristeus antennatus	ARA	Gamblu blu u aħmar

1. Il-Baħar Jonju

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Grečja	OTB	240	69 281	23 101
Italja	OTB	291	72 383	16 853
Malta	OTB	15	5 562	2 007

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 19, 20 u 21 (ARS/GF19-21)
Grečja	32,3	Limitu analitiku ta' qbid	
Italja	294,4		
Malta	43,3		
Unjoni	370		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju (GSAs 19, 20 u 21) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 19, 20 u 21 (ARS/GF19-21)
Grečja	14,3	Limitu analitiku ta' qbid	
Italja	235,7		
Malta	0		
Unjoni	250		
TAC	Mhux rilevanti		

2. Il-Baħar Levantin

(a) Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-gambli tal-fond fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27)

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Ċipru	OTB	6	2 048	618
Italja	OTB	34	15 345	5 542

(b) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 24, 25, 26 u 27 (ARS/GF24-27)
Italja	45,1	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Ċipru	10,9		
Unjoni	56		
TAC	Mhux rilevanti		

(c) Il-livell massimu ta' qabdiet tal-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Levantin (GSAs 24, 25, 26 u 27) espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu aħmar kbir *Aristaeomorpha foliacea*	Żona:	GSAs 24, 25, 26 u 27 (ARS/GF24-27)
Italja	9,4	Limitu prekawzjonarju ta' qbid	
Ċipru	5,6		
Unjoni	15		
TAC	Mhux rilevanti		

ANNESS VIII

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ALBORAN

(a) Il-livell massimu ta' qabdiet li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief, espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Paġella ħamra *Pagellus bogaraveo*	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Alboran - GSAs 1, 2, u 3 (SBR/GF1-3)
Spanja	20,83	Maximum level of catches	
Unjoni	20,83		
TAC	Mhux rilevanti		

(b) Għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati għas-sajd fil-Baħar Alboran (GSAs 1, 2 u 3)

Stat Membru	Paġella ħamra fil-GSAs 1, 2 u 3
Spanja	82

ANNESS IX

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, espressi f'tunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Sprattus sprattus	SPR	Laċċ ikħal
Scophthalmus maximus	TUR	Barbun imperjali

Speċi:	Laċċ ikħal *Sprattus sprattus*	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29 (SPR/F3742C)
Bulgarija	8 032,50	TAC Analitika	
Rumanija	3 442,50	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Unjoni	11 475		
TAC	Mhux rilevanti	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	

Speċi:	Barbun imperjali *Scophthalmus maximus*	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed – GSA 29 (SPR/F3742C)
Bulgarija	90,26	TAC Analitika	
Rumanija	93,09	Ma għandux japplika l-Artikolu 3(2) u 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Unjoni	183,35 (*)		
TAC	890	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	

(*) Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2025 ma għandha tkun permessa l-ebda attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ.